KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

IL-ĦMISTAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 00507

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 31 tat-3 ta' Novembru 2026 mill-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela.

_____
Eleanor Scerri
Skrivan tal-Kamra

PARLAMENT TA' MALTA – ACCESSIBILITY AUDIT

8. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA tistaqsi lill-Ispeaker: Jista' l-Ispeaker jgħid f'liema stadju wasal l-accessibility audit tal-Parlament ta' Malta?

26.10.2026

L-ISPEAKER: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ninsab infurmat li b'rabta mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali 2021–2030 dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, u b'mod partikolari l-Azzjoni 11.4 (*Enhancing Accessibility in Parliament*), il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (CRPD) qiegħda twettaq proċess ta' awditjar bil-għan li jiġu identifikati modi kif tittejjeb l-aċċessibbiltà fil-Parlament. Dan l-eżerċizzju jkopri mhux biss l-aċċessibbiltà fiżika tal-binja u tal-faċilitajiet tagħha, iżda wkoll l-aċċess għall-operat u għall-komunikazzjoni tal-Parlament, sabiex persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-ħajja demokratika tal-pajjiż.

L-ewwel laqgħa bejn is-Servizz Parlamentari u s-CRPD saret fl-10 ta' Novembru 2025, u sussegwentement saru laqgħat mal-Whips taż-żewġ naħat tal-Kamra kif ukoll ma' membri tal-istaff. Fi Frar 2026 saret spezzjoni tal-binja tal-Parlament bħala parti mill-accessibility audit.

F'dan l-istadju fadal li jiġi ppreżentat r-rapport tal-audit li ser inkun qiegħed inressaq quddiem il-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra sabiex jiġu kkunsidrati r-rakkomandazzjonijiet li jistgħu joħorġu minnu.

Seduta 31
03.11.2026